# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 4**

**Appell Ċivili Numru 47/2008/1 PC**

**Louise armla ta' Saviour Camilleri; u Christian Camilleri kemm f'ismu proprju u kemm bħala kuratur u leġittimu rap-preżentant tal-assenti minuri Hannah, Beth u Sam ulied il-mejjet Ivan Camilleri; Joseph Camilleri, u b'dikriet tal-1 ta' Diċembru 2011 il-kawża tkompliet f'isem Rudolph u Sylvana aħwa Camilleri, ulied Joseph Camilleri minflok l-istess Joseph Camilleri li miet waqt li miexja l-kawża, u b'nota tat-2 ta' Frar 2012 Cettina Camilleri nħatret kuratriċi *ad litem* ta' uliedha minuri Rudolph u Sylvana aħwa Camilleri; u Bernardine *sive* Nadine Delicata**

***v.***

**Michele Camilleri, u b'dikriet tat-23 ta' Frar 2010 l-Avukat Jean Paul Grech inħatar kuratur tal-wirt ġjaċenti tal-mejjet Michele Camilleri; George Spiteri; Grace mart Lawrence Galea; Francesca mart Joseph Saliba; Josephine mart Carmelo Micallef;**

**Jane mart Eucharistico Grech; u Miriam mart Frank Saliba; u b'dikriet tad-29 ta' Mejju 2017, wara l-mewt ta' George Spiteri, il-kawża tkompliet fl-isem tal-konvenuti l-oħra ħlief il-wirt ġjacenti ta' Michele Camilleri**

1. Dan huwa appell ta' wħud mill-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2013 li biha sabet li kuntratt ta' *datio in solutum* tal-31 ta' Awissu 1990 bejn il-konvenut Michele Camilleri (li llum qiegħed jidher kuratur għall wirt battâl tiegħu) u l-konvenut George Spiteri u martu Antonia, awtriċi tal-konvenuti l-oħra – li bis-saħħa tiegħu l-istess Michele Camilleri kien ittrasferixxa biċċa art *Ta' Diegu* lill-konvenuti George u Antonia Spiteri – huwa null u bla effett fl-interess tal-atturi għax kien magħmul b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-atturi. L-ewwel qorti għalhekk iddikjarat li din l-art għandha titqies li għadha fost l-atti tal-wirt ta' Michele Camilleri.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: f'April tas-sena 1987 Saviour Camilleri, awtur tal-atturi, kien fetaħ kawża kontra Michele Camilleri għall-likwidazzjoni u l-ħlas ta' kumpens għal serviġi li kien irrenda lilu u lil oħtu l-mejta Patrizia Camilleri, li tagħha Michael Camilleri kien werriet.

3. Fil-31 ta' Awissu 1990, waqt li kienet għadha miexja dik il-kawza, l-istess Michael Camilleri kien ittrasferixxa lill-konvenut George u lil Maria Antonia Spiteri biċċa art magħrufa bħala *Ta' Diegu* fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, b'titolu ta' *datio in solutum* bi ħlas għal serviġi li kienu rrendewlu sa dakinhar tal-kuntratt.

4. B'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2007 mogħtija fil-kawża msemmija fil-paragrafi ta' qabel dan, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) ikkundannat lil Michael Camilleri jħallas ħamest elef lira ta' Malta (Lm5,000) lill-atturi f'dik il-kawża bħala kumpens għas-serviġi li irrendew lilu u lil oħtu u għal spejjeż li għamlu fl-interess tagħhom.

5. Għalkemm il-kawża nqatgħet favur l-awtur tal-atturi, is-sentenza ma setgħetx tiġi eżegwita għax Saviour Camilleri ma kellux flus likwidi u kien ittrasferixxa l-aħħar proprjetà li kellu lil George u Maria Antonia konjugi Spiteri bil-kuntratt ta' *datio in solutum* tal-31 t'Awissu 1990.

6. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu lill-qorti sabiex:

   »1. tiddikjara u tiddeċiedi fl-interess tal-atturi illi l-imsemmija assenjazzjoni u trasferiment tal-art *ta' Diegu* ... ... ... bħala magħmula b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-atturi u għalhekk null u bla effett;

   »2. konsegwentement tiddikjara l-istess art *ta' Diegu* fuq imsemmija għadha proprjetà u f'idejn il-konvenut Michele Camilleri.«

7. Il-konvenuti wieġbu hekk:

   »i. illi t-talbiet attriċi huma infondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt;

   »ii. illi fl-ewwel lok u preliminarjament huwa sottomess li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur tal-artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

   »iii. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess huwa sottomess li m'huwiex minnu li l-att tal-31 ta' Awissu 1990 atti Nutar Paul George Pisani jikkonsisti fi trasferiment gratuwitu ta' proprjetà iżda fil-verità jikkonsisti fi trasferiment ta' proprjetà b'kumpens għal serviġi reżi u dan kif jirriżulta mill-kontenut tal-istess kuntratt, kif ukoll kuntratti oħra preċedenti għall-istess;

   »iv. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess ukoll, huwa sottomess li l-att impunjat f'din il-kawża ma kien jinvolvi l-ebda frodi. Dan għaliex ħadd mill-partijiet fuq l-istess att ma kellu interess, ħsieb jew intenzjoni li jiddefrawda id-drittijiet tal-atturi;

8. L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti ġiet miċħuda mill-ewwel qorti b'sentenza tal-5 ta' Ottubru 2010, (li minnha ma sar l-ebda appell).

9. Imbagħad, bis-sentenza li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »... ... ... filwaqt illi tiċħad ukoll l-eċċezzjoni l-oħra tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :
>
> »1. tiddikjara u tiddeċiedi fl-interess tal-atturi illi l-assenjazzjoni u trasferiment tal-art *ta' Diegu* deskritta fir-rikors ġuramentat, li saru bil-kuntratt ta' *datio in solutum* tal-31 ta' Awissu 1990, atti Nutar Dottor Paul George Pisani, bejn il-konvenut Michele Camilleri minn naħa u l-konjugi George u Antonia Spiteri min-naħa l-oħra, bħala magħmula b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tal-atturi u għalhekk nulli u bla effett; u
>
> »2. konsegwentement tiddikjara li l-istess art *ta Diegu* għadha f'idejn il-konvenut Michele Camilleri, jew aħjar, illum, in segwitu għall-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża, f'idejn il-wirt ġjaċenti tiegħu.
>
> »Bl-ispejjeż, apparti dawk ġà deċiżi bis-sentenza *in parte* tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010, ikunu a karigu tal-konvenuti.«

10. Il-qorti fissret hekk ir-raġunijiet li wassluha għal din il-konklużjoni:

> »Ikkunsidrat:
>
> »Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li din il-qorti tiddikjara kuntratt ta' *datio in solutum* li sar bejn il-konvenut Michele Camilleri min-naħa u oħtu Antonia Spiteri u żewġha George min-naħa l-oħra, kien magħmul b'qerq u bi ħsara tal-jeddijiet tagħhom u għalhekk null u bla effett. Kif ġie stabilit bis-sentenza preliminari tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010, l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-hekk imsejjħa *actio pauliana,* kontemplata fl-artikolu 1144 tal-Kap. 16. Huwa biss permezz ta' dan l-artikolu li l-liġi tagħna tagħti d-dritt li wieħed jattakka atti magħmula minn terzi bi preġudizzju għall-kreditu tiegħu, għax ikunu ġew leżi d-drittijiet tiegħu bi frodi da parti tal-kontraenti f'każ ta' trasferiment b'titolu oneruż, u tad-donatur f'każ ta' titolu gratuwitu. Billi jirriżulta li qed tintalab ir-revoka tal-kuntratt tal-31 ta' Awwissu 1990 in atti Nutar Dottor Paul Pisani, li sar bejn il-konvenut Michele Camilleri u l-konjugi Spiteri, li ma humiex minuri, u liema kuntratt jaqa' taħt id-definizzjoni ta' titolu oneruż, huma applikabbli għall-każ in eżami s-subinċiż (1) u (2) ta' dan l-artikolu. Minn dawn jirriżultaw ir-rekwiżiti ta' din l-azzjoni, u *cioè*:
>
> »(a) l-eżistenza ta' kreditur u debitur li timplika għalhekk li jkun hemm kreditu u debitu;
>
> »(b) il-ħsara tal-jeddijiet tal-kreditur magħruf bħala l-*eventus damni;* u

»(ċ) il-qerq min-naħa taż-żewġ partijiet fil-kuntratt.

»Għal dak li jirrigwarda l-ewwel rekwiżit, il-kliem "kreditur" u **"debitur"** fl-artikolu 1144 m'għandhomx jiġu interpretati fis-sens restrittiv illi l-*actio pauliana* tista' tiġi eżerċitata biss meta wieħed għandu jieħu u l-ieħor għandu jagħti flus, imma għandhom jiġu meqjusa li jikkomprendu kull persuna li għandha xi jedd u kull persuna marbuta b'xi obbligazzjoni. Dan jirriżulta ċar mill-mod kif inhuma użati l-kliem "kreditur" u "debitur" fis-subtitolu IV tat-titolu IV "Effetti ta' Obbligazzjonijiet" tal-Kap. 16, fejn huwa inkluż l-artikolu 1144, ... ... ...

»Fil-każ in eżami l-kreditu tal-atturi huwa l-pretensjoni li kellu Saviour Camilleri (ir-raġel tal-attriċi Louise Camilleri, u missier u nannu rispettivament tal-atturi l-oħra), li jitħallas tas-serviġi li huwa qal li kien irrenda lill-ħuh il-konvenut Michele Camilleri. Infatti dwar dawn is-serviġi huwa kien istitwixxa kawża kontra ħuh, u kien proprju fil-mori tas-smigħ tagħha li sar il-kuntratt kontestat mill-atturi preżenti. Għalhekk, għalkemm kif jargumentaw il-konvenuti fin-noti tal-osserv-azzjonijiet rispettivi tagħhom, meta sar il-kuntratt kontestat ma kienx għad hemm xi kreditu kanonizzat favur Saviour Camilleri, "... għall-eżerċizzju tal-azzjoni pawljana ma hemmx bżonn li l-proponent ikollu dritt likwidu, imma biżżejjed li jkollu dritt li jiġi preġudikat bl-att impunjat u huwa suffiċjenti li r-raġuni tal-kreditu li tkun biss potenzjali għall-epoka *della redazione* tal-att impunjat li jsir wara".[1]

»Għal dak li jirrigwarda l-*eventus damni*, ingħad fl-istess sentenza appena ċitata illi *"...* huwa biżżejjed u suffiċjenti li jkun jista' jingħad li jkun hemm dannu meta l-att impunjat jippreġudika l-kreditur, li b'dak l-istess att jiġu lilu mneħħija l-possibiltajiet li jkun sodisfatt fir-raġunijiet tiegħu mal-patrimonju tal-istess debitur. Fl-aħħar nett jingħad li d-dannu f'din l-azzjoni li jirriżenta l-kreditur irid ikun jidderiva direttament mill-att impunjat".

»Fil-każ in eżami l-atturi qegħdin isostnu li bil-kuntratt impunjat huma ġew f'posizzjoni li ma jistgħux jesegwixxu t-titolu eżekuttiv li għandhom favur tagħhom bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fil-kawża li kien fetaħ Saviour Camilleri għal-likwidazzjoni u ħlas ta' kumpens għal serviġi resi. B'dik is-sentenza kienet ġiet likwidata s-somma ta' Lm5,000 bħala kumpens, li issa ma jistgħux jirkupraw billi Michele Camilleri, wara t-trasferiment li sar tal-għalqa msemmija fir-rikors ġuramentat, ma kienx fadallu beni, la mobbli u lanqas immobbli, fuq xiex ikunu jistgħu jesegwixxu. Il-konvenuti jargumentaw, fin-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi tagħhom, li l-atturi ma ressqu ebda prova dwar dan, imma, kif jinsab stabilit fil-ġurisprudenza, "id-dottrina u l-ġurisprudenza però ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jeżawrixxi r-rimedji kollha li għandu kontra d-debitur, iżda d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni paoliana billi jindika lill-kreditur assi oħra tiegħu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tiegħu hu insolvibbli".[2]

»Imma l-konvenuti fl-ebda stadju tal-proċeduri ma indikaw kif l-atturi setgħu jesegwixxu dan it-titolu eżekuttiv li kellhom favur tagħhom. Sinjifikanti wkoll kif, in segwitu għall-mewt tal-konvenut Michele Camilleri, id-debitur tal-atturi, fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża, ħadd

---

[1] <u>Sciortino *v.* Vella *et*</u>, P.A. 27 ta' Ġunju 1961, Kollez. Vol. XLV-ii-700.

[2] <u>Hare *v.* Diacono</u>, Kumm. 29 ta' Marzu 1920, Kollez. Vol. XXIV-iii-789.

mill-preżunti eredi tiegħu ma assuma l-atti tal-kawża, u kellu jiġi appuntat kuratur tal-elenku biex jirrapresenta l-wirt ġjaċenti tiegħu. Dan ma jistax ma jkunx indikattiv tal-fatt li, kif sostnew l-atturi, tassew li d-debitur ma kien għad fadallu ebda assi.

»Għal dak imbagħad li jirrigwarda l-qerq fid-debitur u t-terz akkwirent, il-prinċipji relattivi kif stabiliti mill-ġurisprudenza huma s-segwenti:

»1. billi l-liġi tipprovdi illi l-frodi fil-kuntratt ma tistax tiġi presunta, l-*onus* tal-prova tagħha jispetta lill-kreditur jew kredituri li jallegawh meta jipproponu l-kawża;

»2. din il-prova tista' ssir b'kull xorta ta' mezzi, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, li jinkludu preżunzjonijiet u indizji li jridu jkunu gravi, preċiżi u konkordanti;

»3. il-frodi stess tista' tkun indiretta jew oġġettiva, li tista' tikkonsisti biss fix-xjenza tad-debitur illi bl-att impunjat huwa mhux se jibqa' f'posizzjoni li jilqa' b'mod suffiċjenti d-dritt tal-kreditur tiegħu, fis-sens li jkun biżżejjed għall-attur li jipprova biss li d-debitur kien jaf li qed jirrendi impossibbli jew diffiċli għall-kreditur li jikkonsegwixxi dak li lilu jistħoqq in korrispondenza u bħala korollarju neċessarju tad-dritt tiegħu.

»Billi l-kuntratt kontestat kien wieħed oneruż, irid ikun hemm ukoll il-*partecipatio fraudis.* Kif ġie mfisser mill-qrati tagħna: "Bi frodi tat-terz akkwirent għandu jiftehem in-notizja li dan kellu tal-istat tad-debitur, jiġifieri x-xjenza li d-debitur, bl-att li kien sejjer jagħmel, kien ser jirreka dannu lill-kreditur, sija billi d-debitur jirrendi ruħu insolvibbli, sija billi tiżdied din l-insolvenza. Mela l-prova tal-fatt mhux tal-intenzjoni għaliex l-intenzjoni li tirreka dannu mhix rekwiżit tal-azzjoni".[3]

»Fil-każ tagħna nsibu li l-kuntratt in kontestazzjoni sar meta l-konjugi Antonia u George Spiteri kienu ġabru lil Michele Camilleri għandhom biex jieħdu ħsiebu. Id-debitur Michele Camilleri, la ma kienx mentalment inkapaċi suppost li kien jaf f'hiex kienu jikkonsistu l-assi tiegħu, u li jekk kien se jiddisponi minn waħda mill-aħjar beni li kellu, ma kienx ser ikun jista' jissodisfa l-pretensjoni ta' ħuħ Saviour dwar is-serviġi. Hekk ukoll minħabba l-parentela stretta li kien hemm bejniethom, u l-fatt li minħabba l-illitteriżmu u l-kundizzjoni ta' saħħa tiegħu, Michele Camilleri ma kienx f'posizzjoni jamministra ħwejjġu waħdu, żgur għalhekk li l-konjugi Spiteri kienu jaf bis-sitwazzjoni finanzjarja tiegu. Ma setgħux ma kienux jafu wkoll li Saviour Camilleri (ħu Antonia wkoll), kien qed ifittex li jitħallas għas-serviġi li qal li kien irrenda lil Michele, u li l-kuntratt ta' *datio in solutum* sar propju fil-mori tas-smiegħ ta' dik il-kawża. Huwa minnu illi dak il-kuntratt suppost sar in sodisfazzjoni tas-serviġi li l-istess Michele Camilleri kien irrikonoxxa li l-konjugi Spiteri kienu rrendewlu preċedentement. Imma huwa veru wkoll li, wara li Michele kien ġia ttrasferielhom il-proprjeta' tar-residenza tiegħu, ħaġa li tidher li kienet il-kawża tat-tilwim li nqala' bejn l-aħwa Camilleri, il-konjugi Spiteri ma setgħux ma rrealizzawx li bit-tneħħija wkoll ta' għalqa ta' 'l fuq minn għaxart elef metri kwadri mill-patrimonju ta' Michele Camilleri bil-kuntratt in kwistjoni, ċertament kien ser jitnaqqas sostanzjalment l-assi tiegħu, b'tali mod li issa kien se ikun ferm diffiċċli jekk mhux ukoll impossibbli għal Saviour Camilleri li

---

3 Chircop *v.* Mifsud *et*, P.A. 25/01/1954.

> jitħallas, kemm-il darba, kif fil-fatt ġara, dik il-kawża għas-serviġi kellha tinqata' favur tiegħu.
>
> »Billi għalhekk jirriżulta li ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha sabiex tirnexxi kawża bħal din, ma tibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jintlaqgħu.«

11. Il-konvenuti Grace mart Lawrence Galea, Francesca mart Joseph Saliba, Josephine mart Carmelo Micallef u Miriam mart Frank Saliba appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-21 t'Ottubru 2013 li għalih wieġbu l-konvenuti l-oħra Jane mart Eucharistico Grech u George Spiteri fit-13 ta' Novembru 2013, l-Avukat Jean Paul Grech fil-kwalità tiegħu ta' kuratur tal-wirt battâl tal-mejjet Michele Camilleri fl-14 ta' Novembru 2013, u l-atturi fl-14 ta' Novembru 2013.

12. Fl-ewwel aggravju tal-appell il-konvenuti appellanti jgħidu illi l-ewwel qorti interpretat ħażin il-ħtieġa tal-prova tal-*eventus damni*. Igħidu illi kien imiss lill-atturi juru li ma seħħilhomx li jitħallsu l-kreditu tagħhom minħabba l-kuntratt ta' *datio in solutum* tal-31 t'Awissu 1990; ma kienx imiss lill-konvenuti li juru li d-debitur kellu mnejn iħallas qabel ma sar dak il-kuntratt. Komplew fissru dan l-ewwel aggravju hekk:

> »Illi fl-ewwel lok l-esponenti ma jaqblux kif l-ewwel onorabbli qorti trattat il-kunċett tal-*eventus damni*. Mill-mod kif l-ewwel onorabbli qorti trattat dan il-kunċett jidher ċar illi l-ewwel onorabbli qorti spustjat l-oneru tal-prova ta' dan l-aspett kompletament fuq id-debitur konvenut, tant illi fil-parti fejn iċċittat minn sentenza <u>Hare *v.* Diacono</u> għamlet emfasi biss fuq dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ritenut illi huwa d-debitur irid juri illi huwa solvibbli. Dan huwa minnu; l-esponenti mhux jikkontestawh. Iżda daqshekk ieħor, l-attur fil-kawża illi qiegħed jallega frodi, allegazzjoni illi timporta magħha prova oneruża, għandu għal dan l-aspett tal-*eventus damni* juri illi verament dak id-dannu ġie arrekat lilu. Irid juri lill-onorabbli qorti illi huwa verament sofra dak id-dannu, fis-sens illi huwa prova jesegwixxi dak it-titolu jew dik it-talba illi huwa kellu u minħabba l-azzjonijiet tad-debitur ma rnexxilux. Huwa wara dak l-istadju li jispetta lid-debitur illi juri illi huwa solvibbli u li għandu proprjetà oħra x'tagħmel tajjeb, iżda dak l-istadju tal-prova min-naħa tal-attur ma jistax jinqabeż, kif tat l-impressjoni u anke rreteniet l-ewwel onorabbli qorti. L-atturi f'din il-kawża kienu fid-dmir illi

juru lill-qorti illi b'dan it-trasferiment l-eżekuzzjoni tal-kreditu tagħhom ġiet eluża; prova illi huma ma għamluha fl-ebda stadju tal-proċeduri. Kif ġie ritenut fis-sentenza Bugeja *v.* Terribile deċiża fis-7 ta' Jannar 1936, Vol. XXIX-ii-866, "biex kreditur jitħalla jintervjeni f'kuntratt illi fih ma kienx parti, fl-ewwel lok irid juri illi bir-riżultat ta' dak l-att impunjat id-debitur tiegħu sar insolvibbli". Huwa minnu illi tul il-kors tal-ġurisprudenza dan ir-rekwiżit ġie stabbilit fis-sens illi huwa d-debitur konvenut illi jrid juri li hemm proprjetà jew ġid ieħor illi jistgħu jagħmlu tajjeb għat-talba tal-attur, iżda xejn ma [*sc.* naqqset] mill-piż fuq spallet l-attur illi juri li kien hemm preġudizzju soffert minħabba dak l-att li qed jiġi impunjat. Din il-prova tant neċessarja ma nġabet fl-ebda stadju tal-proċeduri. Kieku wieħed kellu jinterpreta dan ir-rekwiżit bil-mod kif interpretatu l-ewwel onorabbli qorti, *sta* għal kull kreditur illi jrid li jkun vessatorju illi jabbuża mill-posizzjoni tiegħu u jagħmel l-azzjoni pauliana fuq kwalsijasi kuntratt illi jkun għamel id-debitur, u dan mingħajr ma qabel ikun prova jesegwixxi t-titoli tiegħu u jittenta jitħallas. Hekk ġara fil-każ odjern, fejn l-atturi naqsu milli jġibu l-prova illi huma b'xi mod jew ieħor pruvaw jitħallsu mingħand il-konvenuti, jew aħjar mingħand Michele Camilleri u ma rnexxilhomx; L-anqas saħansitra nġabet prova illi nkitbet ittra waħda fejn intalab il-ħlas.«

13. Effettivament il-konvenuti qegħdin igħidu ill-l-atturi setgħu jitħallsu billi jesegwixxu t-titolu tagħhom fuq proprjetà oħra tad-debitur. Din hija l-eċċezzjoni tal-eskussjoni regolata bl-art. 795 tal-Kodiċi ta' Organizz-azzjoni u Proċedura Ċivili:

> »**795.** Il-konvenut li jagħti l-eċċezzjoni tal-eskussjoni għandu jippreżenta fis-smigħ tal-kawża, jew qabel, lista li jkun fiha miġjuba ħaġa b'ħaġa l-beni li jkollha f'Malta l-parti li tagħha tintalab l-eskussjoni, u li jkunu biżżejjed għall-ħlas tal-kreditu tal-attur. «

14. Il-konvenuti ma għamlu xejn minn dan u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li ressqu l-eċċezzjoni validament[4].

15. Il-fatt li ma ntwerew ebda beni oħra tad-debitur, abbinat mal-fatt illi l-beni li minnhom iddispona d-debitur bil-kuntratt impunjat setgħu servew biex minnhom jitħallas id-dejn jew għall-inqas parti minnu, huwa prova biżżejjed tal-*eventus damni*.

16. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti għalhekk ma jistax jintlaqa'.

[4] Ara *e.g.* Mario Camilelri *v.* Mario Borg *et*, P.A. 21 ta' Ottubru 2004.

17. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti. F'dan l-aggravju jgħidu illi l-ewwel qorti nqaset milli tqis illi d-dejn imħallas bil-kuntratt impunjat ta' *datio in solutum* kien kanonizzat bħala veru, ċert u likwidu b'kuntratt tat-2 ta' Ottubru 1986 qabel ma nfetħet il-kawża li ikkanonizzat il-kreditu tal-awtur tal-atturi f'April tal-1987. Igħidu għalhekk illi ma kien hemm l-ebda preġudizzju għall-awtur tal-atturi għax bil-kuntratt impunjat kien tħallas dejn kanonizzat u ma kien hemm ebda tnaqqis tal-patrimonju tad-debitur. Komplew fissru dan it-tieni aggravju hekk:

> »Illi fit-tieni lok, l-esponenti ma jaqblux ma' dak li rreteniet l-ewwel onorabbli qorti fis-sens illi bl-att impunjat il-patrimonju ta' Michele Camilleri, id-debitur, ġie b'xi mod menomat jew imnaqqas. Dan għaliex kif jirriżulta mill-att impunjat innifsu, tal-31 ta' Awissu 1990, dak il-ħlas kien qiegħed isir a sodisfazzjon ta' debitu li kien veru, ċert u likwidat, kif kostitwit permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-2 ta' Ottubru 1986, li kien saħansitra sanċit b'ipoteka ġenerali iskritta fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru 1325/1986. Ta' min jinnota illi l-eżistenza ta' dan id-debitu, b'titolu eżekuttiv, kienet preżenti qabel il-mument li fih l-atturi odjerni, jew aħjar il-predeċessur tagħhom fit-titolu, ippreżenta l-kawża tiegħu kontra Michele Camilleri fl-1987. Dan id-dejn li kien allura diġà aggrava l-patrimonju ta' Michele Camilleri kien diġà jeżisti qabel il-pretensjoni attriċi u tħallas billi ġie paċut ma' proprjetà illi kellu l-istess Michele Camilleri. Allura, żgur ma jistax jingħad illi fis-1986, qabel ma twieldet il-kawża attriċi, kien hemm xi *consilium fraudis*.Huwa minnu illi fil-kuntratt tal-31 ta' Awissu 1990 l-valur tas-serviġi kien tela' għal għaxart elef Lira Maltin (Lm10,000), iżda d-differenza fil-valur kienet ukoll għal valur ta' serviġi li ġew reżi lilu; serviġi illi huma wkoll dejn fuq il-patrimonju ta' Michele Camilleri u li għandhom jiġu kkumpensati u jitħallsu. Serviġi, li ġew anke pruvati tul il-kors tas-smigħ ta' din il-kawża.
>
> »Dawn id-dettalji kollha jinsabu ċitati fil-kuntratt tal-31 ta' Awissu 1990 innifsu. Ta' min jinnota illi fis-sentenza tagħha l-ewwel onorabbli qorti ma tagħmel l-ebda referenza għal dan il-kuntratt tat-2 ta' Ottubru 1986, ċitat fil-kuntratt tal-31 ta' Awissu 1990, illi huwa att pubbliku u jgawdi l-fiduċja pubblika. Fis-sentenza ġie skartat dan il-punt kardinali illi qabel il-kawża ta' l-atturi kien diġà jeżisti dejn li kien veru, ċert, u likwidat.«

18. Safejn bil-kuntratt impunjat ta' *datio in solutum* kien qiegħed jitħallas dejn li kellu kawża ta' preferenza bis-saħħa tal-ipoteka maħluqa bil-kuntratt tat-2 ta' Ottubru 1990, il-ħlas kien leġittimu; safejn iżda d-

debitur kompla ħallas dejn mingħajr kawża ta' preferenza kien qiegħed jikser il-*par condicio creditorum* għax kien qiegħed jippreferi kreditur fuq ieħor.

19. Billi n-nuqqas ta' tħaris tal-*par condicio creditorum* hija wkoll parti mill-*eventus damni*, il-patrimonju tad-debitur għandu jiġi redintegrat fl-interess tal-atturi, bla ħsara, naturalment, għal kull dritt ta' preferenza li jista' jkun hemm meta l-kredituri jiġu biex jesegwixxu t-titolu tagħhom fuq il-patrimonju hekk redintegrat.

20. Dan it-tieni aggravju wkoll, għalhekk, ma jistax jintlaqa'.

21. Fi-tielet u l-aħħar aggravju tagħhom l-konvenuti appellanti jgħidu illi l-ewwel qorti ma tatx interpretazzjoni korretta tal-kunċett ta' *partecipatio fraudis*. Igħidu li l-awturi tagħhom ma kellhom l-ebda intenzjoni li jiffrodaw lil xi ħadd meta daħlu fil-kuntratt ta' *datio in solutum* tal-31 ta' Awwissu 1990. Komplew fissru dan l-aggravju hekk:

> »Illi fit-tielet lok, l-esponenti lanqas jaqblu mal-mod kif l-ewwel onorabbli qorti trattat l-element tal-*partecipatio fraudis*. Meta sar il-kuntratt impunjat, l-esponenti, jew aħjar il-ġenituri tagħhom, ma kinux qed jagħmlu xi ħaġa spontanja u li nibtet dakinhar. Kienu qed jagħmlu att illi l-*causa* tiegħu kienet *causa* leċita u li kien ilha li twieldet numru ta' snin, u dan għaliex dak il-kuntratt kien riżultat ta' quasi-kuntratt ieħor li kien ilu jiġi esegwit għal numru ta' snin, u dan kien jikkonsisti fil-*quasi* kuntratt ta' serviġi illi kienu qegħdin jiġu reżi lil Michele Camilleri. Żgur illi ma jistax [*sc*. jingħad] illi dan il-*quasi*-kuntratt fejn il-ġenituri tal-konvenuti kienu jirrendu serviġi lil Michele Camilleri kien qed isir biex b'xi mod jiffroda lil xi ħadd. Kien servizz illi l-ġenituri tal-esponenti kienu jirrendu minn qalbhom, b'impenn u sagrifiċċju u li tagħhom kellhom ġustament jitħallsu. Ma jistax jiġi ritenut bħala li kien dannuż għall-atturi l-fatt illi l-ġenituri tal-konvenuti tħallsu ta' dawn is-serviġi. Ma jridx wieħed jinsa illi ġaladarba illi dawn is-serviġi ġew paċuti ma' dik il-proprjetà illi ġiet mogħtija *b'datio in solutum* kienet teżisti sitwazzjoni fejn saħansitra l-prezz, li parti minnu kienet anke ġiet dikjarata b'att pubbliku fis-sena 1986, kien tħallas [*sic*] ferm qabel dak il-kuntratt tad-*datio in solutum*. Kien għalhekk illi fl-istadju tal-provi tagħhom il-konvenuti ġabu prova tas-serviġi illi kienu jiġu reżi, u dan

biex juru illi dawk is-serviġi kienu leali u li ma kien hemm xejn illeċitu jew frawdolenti f'li dawk is-serviġi jiġu kkumpensati.

»Kuntrarjament għall-impressjoni li tat l-ewwel onorabbli qorti, l-azzjoni pauliana mhix kompetenti lejn min ikollu debitur li jkun sar insolvibbli sakemm ma jkunx hemm l-element tal-frodi li dak id-debitur għamel dawk l-atti sabiex isir insolvibbli apposta. Il-ġenituri tal-konvenuti kellhom kull dritt li jitħallsu għas-serviġi kontinwi u intensi li kienu jirrendu daqs kemm kellu dritt jitħallas ħaddieħor. L-esponenti huma ċerti illi l-ġenituri tagħhom meta għamlu dak l-att li qed jiġi impunjat ma kienu qed jaraw xejn għajr illi jiġu kkumpensati għas-serviġi illi kienu rrendew, u dan wara illi missier l-atturi nnifsu kien diġà rċieva gratwitament proprjetà mingħand l-istess Michele Camilleri, att illi żgur naqqas il-patrimonju ta' Michele Camilleri, iżda att illi l-atturi dejjem għażlu illi jiskartaw tul ix-xiehda tagħhom f'din il-kawża.

»Ma jistax jingħad għalhekk illi l-konvenuti, jew aħjar il-ġenituri tagħhom, kienu parteċipi fil-frodi, wisq inqas jista' jingħad bl-att ta' *datio in solutum* ġie mnaqqas il-patrimonju ta' Michele Camilleri, għaliex dan il-patrimonju kien diġà mnaqqas fid-data illi sar dak il-kuntratt, *cioè* fil-31 ta' Awissu 1990, billi s-serviġi kienu diġà reżi.

»Għaldaqstant, l-esponenti jsostnu taħt il-kappa ta' dan l-aggravju illi: (a) il-parteċipazzjoni fil-frodi ma teżistix, u (2) b'dak l-att ma tnaqqasx il-patrimonju ta' Michele Camilleri. Din it-tieni parti ta' dan it-tielet aggravju tikkumplimenta dak li ngħad fit-tieni aggravju.«

22. L-ewwel qorti qalet hekk dwar il-*partecipatio fraudis* mill-awturi tal-konvenuti appellanti:

»Fil-każ tagħna nsibu li l-kuntratt in kontestazzjoni sar meta l-konjugi Antonia u George Spiteri kienu ġabru lil Michele Camilleri għandhom biex jieħdu ħsiebu. Id-debitur Michele Camilleri, la ma kienx mentalment inkapaċi, suppost li kien jaf fiex kienu jikkonsistu l-assi tiegħu, u li, jekk kien se jiddisponi minn waħda mill-aħjar beni li kellu, ma kienx ser ikun jista' jissodisfa l-pretensjoni ta' ħuh Saviour dwar is-serviġi. Hekk ukoll minħabba l-parentela stretta li kien hemm bejniethom, u l-fatt li minħabba l-illitteriżmu u l-kundizzjoni ta' saħħa tiegħu, Michele Camilleri ma kienx f'posizzjoni jamministra ħwejġu waħdu, żgur għalhekk li l-konjugi Spiteri kienu jafu bis-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Ma setgħux ma kinux jafu wkoll li Saviour Camilleri (ħu Antonia wkoll) kien qed ifittex li jitħallas għas-serviġi li qal li kien irrenda lil Michele, u li l-kuntratt ta' *datio in solutum* sar proprju fil-mori tas-smigħ ta' dik il-kawża. Huwa minnu illi dak il-kuntratt suppost sar in sodisfazzjoni tas-serviġi li l-istess Michele Camilleri kien irrikonoxxa li l-konjugi Spiteri kienu rrendewlu preċedentement. Imma huwa veru wkoll li, wara li Michele kien ġia ttrasferielhom il-proprjetà tar-residenza tiegħu, ħaġa li tidher li kienet il-kawża tat-tilwim li nqala' bejn l-aħwa Camilleri, il-konjugi Spiteri ma setgħux ma rrealizzawx li bit-tneħħija wkoll ta' għalqa ta' 'l fuq minn għaxart elef metri kwadri mill-patrimonju ta' Michele Camilleri bil-kuntratt in kwistjoni, ċertament kien ser jitnaqqas sostanzjalment l-assi tiegħu, b'tali mod li issa kien se jkun ferm diffiċli jekk mhux ukoll impossibbli għal Saviour Camilleri

> li jitħallas, kemm il-darba, kif fil-fatt ġara, dik il-kawża għas-serviġi kellha tinqata' favur tiegħu.«

23. Il-*consilium fraudis* min-naħa tat-terz ma teħtieġx *animus nocendi*; biżżejjed li t-terz ikun jaf li, bl-att impunjat, sejjer jitnaqqas il-patrimonju tad-debitur b'mod li l-attur ma jkunx jista' jitħallas. Kif imfisser tajjeb mill-ewwel qorti, l-awturi tal-konvenuti kellhom dan l-għarfien u dan huwa biżżejjed bħala prova tal-*consilium fraudis* min-naħa tagħhom ukoll.

24. Dan it-tielet u l-aħħar aggravju tal-konvenuti appellanti wkoll għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

25. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

26. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati bis-sentenza appellata; l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb/rm